TRIBUNAL INDUSTRIAJLI

DECIZJONI NRU. 1332

Kaz Nru 1412

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Paul Calleja

u

Sovereign Hotels Ltd.

Dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Illum : 10 ta' Settembru, 2002

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)

## INTRODUZZJONI

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 4 ta' Frar, 1999, Ref. MSP/TI/7/2000, biex tigi processata skond il-Provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap.266 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant John Paul Calleja kien assistit mill-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici u ghas-Socjeta Sovereign Hotels Ltd. deher is-Sur Martin Buttigieg assistit mill-avukat Robert Tufigno.

## DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAZ

Fl-istqarrija tal-kaz l-Appellant qal, li kein wegga fuq il-post tax-xoghol nhar it-22 ta' Novembru 1999 u minkejja dan kompla jahdem wara li kien tkellem mas-Sur Tony Borg li kien jokkupa l-kariga ta' Chef. Huwa jkompli jghid, li l-ghada hass ugiegh kbir u gie iccertifikat marid mit-tabib tal-Kumpanija liema certifikat kien open u jiddikjara 'Trawma rib and knee'. Konsegwentament, fis-27 ta' Novembru rega mar

izuru it-tabib tal-Kumpanija fejn l-appellant talab biex imur jiehu x'ray. Huwa mar jiehu x'ray fl'isptar u talab biex issirlu NI 30 fejn intbaghtet lill-Kumpanija.

L-appellant ikompli jghid, li fit-30 ta' Novembru, rega mar it-tabib tal-Kumpanija u minghajr ma invistah qallu biex jidhol ghax-xoghol fis-6 ta' Dicembru. Fl' 4 ta' Dicembru, rega cempell lic-Chef fejn informah li kien ghadu muguh u talbu biex jerga jintbghatlu t-tabib. Izda, it-tabib tal-Kumpanija ma marx izur lill-appellant u invista ta' dan huwa rega cempell lic-chef biex infurmah li kien se igib lit-tabib privat tieghu. L-appellant ikompli jghid, li sa it-tnejn 6 ta' Dicembru l-ebda tabib tal-Kumpanija ma zaru u wara li kien mar it-tabib privat tieghu kien ghamillu ic-certifikat 'open'. Dwar dan huwa informa lic-Chef li irreferih lill-General Manager fejn qallu ' jiddispjacini ninfurmak illi l-impieg tieghek gie itterminat ghax nistghu nghaddu minghajrek u m'ghandnix bzonn patissier'. Wara dan huwa gie infurmat ufficjalment bid-decizjoni tal-Kumpanija li l-impieg tieghu gie itterminat b'effett mill-5 ta' Dicembru ghar-raguni ta' 'redundancy'

L-appellant ikompli jghid fl-istqarrija tal-kaz tieghu, li fil-waqt li hu kien imkecci ghall-ragunijiet ta' sensja deher avviz fis-7 ta' Dicembru 1999 fil-Job Centre tal-ETC li l-Crowne Hotel qed titlob haddiem biex jahdem bhala Pastry 'Chef/Confectioner', liema impieg kien jokkupa hu mal-Lukanda.

L-appellant jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu billi jiddikjara li ir-raguni ta' 'redundancy' li qed tghid il-Kumpanija m'hix reali peress li mhux minnu li l-impieg tieghu ma ghadx hemm bzonnu, tant li l-istess Kumpanija wara t-terminazzjoni tal-impieg mpjegat fl-istess xoghol persuna ohra. Ghalhekk, huwa talab lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara u jiddeciedi illi t-terminazzjoni tal-impieg tieghu ma saritx skond il-ligi u konsegwentament ghandu jerga jinghata l-impieg lura kif ukoll kumpens xieraq.

Fl-istqarrija tal-kaz is-Socjeta intimata tghid, illi t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' John Paul Calleja kienet ghar-raguni ta' redundancy.

PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gie stabilit li l-Kumpanija tterminat l-impieg ta' l-appellant ghar-raguni ta' sensja. Mix-xhieda u dokumenti ohra li gew ipprezentati quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li l-appellant kien wegga fuq il-post tax-xoghol u waqt li kien indispost u ma setghax jattendi ghax-xoghol biex jaqdi d-doveri tieghu gie itterminat l-impieg tieghu fuq ragunijiet ta' sensja.

It-Tribunal Industrijali jirrizultalu wkoll mill-provi li fil-waqt li l-impieg ta' l-appellant gie tterminat fuq ragunijiet ta' sensja, il-management ghamel kuntatt mal-Korporazzjoni ta' l-Impiegi u Tahrig fejn harget applikazzjoni ghall-vakanza ta' 'Pastry Chef / Confectioner' liema grad kien jippartejni lill-appellant qabel ma gie issensjat.

Mill-provi jirrizulta wkoll li waqt dan iz-zmien il-management ghamel ri-organizazzjoni fil-post tax-xoghol fejn ix-xoghol tal-helu li qabel kien isir mill-appellant gie mqassam fuq il-Head Chef u fuq persuna ohra li kienet giet impjegata part-time fil-grad ta' 1st Commis wara li il-Korporazzjoni ta' l-Impiegi u Tahrig harget il-vakanza ta' 'pastry chef / confectioner'.

KONSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jinghad li ghandu dubji serji dwar il-vera raguni li wasslet ghat-tkeccija ta' l-appellant fejn ghalkemm il-Kumpanija gabet bhala raguni dik ta' sensja, izda mill-fatti jidher li kien hemm xi raguni ohra. Dan id-dubju li ghandu it-Tribunal Industrijal hu instigat mill-fatt kif gie ppruvat mill-provi li wara li l-Kumpanija tterminat l-impieg ta' l-appellant ghall-raguni ta' sensja, kien l-istess management tal-Kumpanija li ghamel kuntatt mal-Korporazzjoni ta' l-Impiegi u Tahrig biex inhareg avviz ta' vakanza ta' impieg ghall-grad ta' 'pastry chef / confectioner' liema xoghol kien jippartjeni lill-appellant qabel ma gie ssensjat.

It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li wara li l-Korporazzjoni ta' Impiegi u Tahrig ippublikat l-avviz ta' impieg imsemmi kien hemm applikazzjonijiet minn fejn il-

Kumpanija impjegat haddiem fuq bazi ta' 'part-time' fil-grad ta' 1st Commis, izda li kien jahdem ukoll ix-xoghol ta' helu li kien jghamel qabel l-appellant.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li mill-provi li ngabu quddiemu t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant kienet saret waqt li hu kien indispost u dan kien kawza ta' korriment li kien sofra fuq il-post tax-xoghol u dan bi ksur ta' l-Artiklu 34 (15) tac-C.E.R.A. li jghid, ' Kuntratt ta' servizz ma ghandux hlief bil-kunsens ta' l-impjegat, jintemm mill-principal matul xi perjodu ta' inkapacita ghax-xoghol ta' l-impjegat kagunata b'korriment, b'disgrazzja li tigri mill-impieg'.

DECIZJONI

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotti, kkunsidra s-sottmissjonijiet finali isib li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant ma hix gusta.

It-Tribunal Industrijali jordna li fil-waqt li l-appellant m'ghandux jigi moghti l-impieg lura huwa ghandu jigi moghti kumpenss ta' LM1,150 (elf mija u hamsin lira Maltija) liema kumpenss ghandu jithallas mill-kumpanija lill appellant sa nhar nhar il-Gimgha 4 ta' Ottubru, 2002.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista fl-ammont ta' erbghin lira maltin (Lm 40).

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol

Harold Walls
Chairman

Vince Micallef
Segretarju